**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 821/97

Francis sive Frank Lautier

vs

Kap Kmandant tal-Forzi Armati

Illum 25 ta' April, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent ilu jahdem ma' l-Armata ghall-tnax il-sena bhala gunner. Fl-1988 u l-1992 hargu l-promozzjonijiet ghall-Lance Bombardier u filwaqt illi huwa ma nghatatx din il-promozzjoni

fiz-zewg okkazzjonijiet gie maqbuz minn kollegi li ma kellhomx il-kwalifiki l-esperjenza u s-seniority tar-rikorrent.

Ta min josserva illi r-rikorrent kien ghamel zmien twil stazzjonat bhala prison warden fil-facilita' korrettiva ta' Kordin u tul dan il-perjodu, huwa qatt ma gie infurmat b'courses illi kienu qeghdin isiru lill-kollegi tar-rikorrent. Kien biss meta r-rikorrent gie stazzjonat l-Ajruport illi huwa sar jaf b'dawn il-courses.

Minhabba din l-ingustizzja, ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad minn promozzjoni li kien intitolat ghaliha.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni li haqqu b'effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-promozzjoni u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u oportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li ssottometta li dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 dwak kollha li kienu ***junior*** tar-rikorrent u li kienu gew promossi kienu kollha attendew b'success wiehed mill-***cadre course*** li kienu saru ghal dawk il-Gunners li kienu jippromettu ghal-lance bumbardiera. Ma jirrizultax li r-rikorrent kien wiehed fost dawk li kienu rrakkomandati biex jattendu wiehed minn dawn il-korsijiet.

Illi dak li r-rikorrent isemmi bhala osservazzjoni tieghu fir-rigward li hu ma kienx qed jigi nfurmat b'xi courses li setaw kienu qed isiru ta' minn wiehed josserva wkoll li dawk li jkunu qed jahdmu bhal ma kien ir-rikorrent cioe' barra l-barracks jew kif insejhulhom fl-armata bhala ***outposts,*** huwa soltu li jmorru jzuruhom ta' sikwit sew fizzjali kif ukoll personnel iehor li jkunu jamministraw individwi bhar-rikorrent. Huwa soltu li ordnijiet li jkunu hargu fil-barracks jaslu wkoll ghand individwi bhal ma kien ir-rikorrent. Se mai kien fid-dover tar-rikorrent li jassigura li jkun aggornat ma dawk l-ordnijiet jew cirkulari li jkunu qed johorgu fil-barracks ghall-kumplament ta' shabu u ghaldaqstant

ma jistax ir-rikorrent igib skuza li hu ma kienx ikun jaf x'inhu jigri l-barracks.

Illi jidher li l-promozzjonijiet tal-1988 kif ukoll dawk b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe', l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fit-2 ta' Novembru, 1999 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Ra l-affidavit tar-rikorrent fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li fl-1988 u fl-1992, hargu l-promozzjonijiet ghall-grad ta' Lance Bombardier u filwaqt illi hu ma nghatax din il-promozzjoni, fiz-zewg okkazzjonijiet gie maqbuz minn kollegi li ma kellhomx il-kwalifiki l-esperjenza u s-seniority tieghu. Hu kien ghamel zmien twil stazzjonat bhala prison warder fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u tul dan il-perjodu qatt ma gie infurmat b'courses illi kienu qeghdin isiru lill-kollegi tieghu. Kien biss meta r-rikorrent gie stazzjonat l-Ajruport illi sar jaf b'dawn il-courses.

In kontro ezami ir-rikorrent xehed li wara ezami kienu offrewlu li jmur prison warder. Peress li kellu l-familja accetta anke li jmur prison warder pero` l-uniformi u l-paga johorgu mill-Armata. Kien xtaq li jispicca minn gwardjan il-habs. Irritorna lura fl-1992 minn prison warder ghall-Armata.

Xehed Lt. Col. Schembri u esebixxa skeda relattiva ghall-promozzjonijiet tal-1988, tal-1992 bin-nies li hadu l-promozzjonijiet u wkoll inkluz hemm l-isem tar-rikorrent li gie shaded u juri l-pozizzjoni li kien ikun fiha r-rikorrent li kieku ha l-promozzjoni. Esebixxa Dokument tad-data tad-29 ta' Lulju 1985 li huwa dwar il-fatt li r-rikorrent kien qieghed jinghata l-opportunita` biex jigi kunsidrat bhala Prison Warder mad-Dipartiment tal-Habsijiet Civili.

Mistoqsi mit-Tribunal dwar il-promozzjonijiet tal-1988 u ghaliex inqabez ir-rikorrent irrisponda li fil-fatt kienet giet moghtija importanza qawwija lill-Cadre Course ghall-promozzjonijiet ta' minn Gunner ghal Lance Bumbardier. Ghalhekk veru hu li hemm min sar li kellu seniority anqas mir-rikorrent u anke education anqas minnu pero` kellu l-Cadre Course. Ir-rikorrent qatt ma ghamel il-Cadre Course jigifieri mhux ghamlu u ma ghaddiex.

Mistoqsi mit-Tribunal dwar il-promozzjonijiet tal-1992 meta fil-fatt ir-rikorrent gie maqbuz minn nies li kellhom education class anqas minn tar-rikorrent kif ukoll anqas kellhom il-Cadre Course xehed li ma jafx ir-raguni. Sa dik id-data li hargu fiha l-promozzjonijiet tal-1992 ir-rikorrent kien ghadu jaghmel ix-xoghol ta' Prison Warder. Semma li kien wara li gew trasferiti fl-Armata propja li whud minnhom hadu l-promozzjoni.. Vuol diri fil-promozzjonijiet li hargu fl-1996 u fl-1998.

Ikkunsidra li r-rikorrent ilmenta li gie maqbuz fil-promozzjonijiet tal-1988 u dawk tal-1992. Naturalment dawn iridu jigu ezaminati separatament ghalkemm hemm xi pricipji komuni. Dwar dawk tal-1988 jinghad li r-rikorrent gie maqbuz minn tmienja li kellhom seniority anqas minnu. Dawn kienu dahlu fl-Armata minn sittax sa tmintax il-xahar wara r-rikorrent. Hu kellu 3$^{rd}$ Class Army Certificate of Education waqt li huma ma kellhomx kwalifiki. Minn-naha l-ohra huma kellhom A fil-Cadre Course u sitta minnhom kellhom it-Trades superjuri ghalih. Il-posizzjoni ghalhekk tekwivali izda r-rikorrent isostni

li hu ma hax il-promozzjoni minhabba li ma ghamilx korsijiet u li ma ghamilhomx ghax fejn kien stazjonat ma kinux jaslu c-cirkolarijiet. Dan jidher li hu veru, izda r-rikorrent qaghad ftit bil-bajtra taqa' f'halqu ghax messu meta sar jaf li dawn ic-cirkolarijiet mhux qedghin jaslu ghamel xi haga dwar dan – imqar kiteb ittra wahda. Jekk qatt ma sar jaf sal-1992 allura veru li tal-Armata kellhom ftit ragun li ma tantx iqisuh bhala parti minnhom de facto. Ghalhekk it-Tribunal dwar il-promozzjonijiet tal-1988 jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat minhabba li ma jsibx li giet pruvata dik l-ingustizzja rikjesta mill-ligi.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 jinghad li 28 qabzu lir-rikorrent ghalkemm hu kellu seniority aktar minnhom. Minn dawn 11 ma kellhomx ACE; 12 kellhom ACE 3 bhalu; 2 kellhom ACE 2, u 3 kellhom ACE 1. Mhux il-kaz li wiehed tant jitkellem fuq dawk li kellhom ACE 1 jew 2 ghax terga dawn kellhom it-Trades aktar mir-rikorrent. Tnejn minn dawk li kellhom ACE 3 ma kellhomx trades bhar-rikorrent u minn dawk li ma kellhomx ACE tlieta lanqas kellhom trades. Hawn Cadre Course ma kellu hadd. Minn dawk li saru u ma kellhomx la ACE la Cadre Course u lanqas Trades hemm min dahal jahdem fil-1/4/87 waqt li r-rikorrent mis-26/8/85. Hawn it-Tribunal isib li tirrizulta l-ingustizzja u ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba li l-ilment jidher gustifikat dwar il-promozzjonijiet tal-1992, jilqa' t-talba tar-rikorrent u jirrikmanda li r-rikorrent

jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Lance Bombardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.